# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 13**

**Rikors numru 1221/12SM**

**Idea Casa Company Limited (C24516)**

**v.**

**Allan Magro u Joseph Francis Scerri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fl-4 ta' Marzu, 2012 u li jaqra hekk:

"1. Illi f'zewg okkazjonijiet, il-konvenut Allan Magro xtara min ghand il-kumpannija esponenti diversi oggetti ta' ghamara sabiex jimla' appartament li jinstab 156, Flat 2, John Borg Street, Birkirkara. L-imsemmi konvenut hallas ukoll lill-kumpannija esponenti depozitu ta' sebat elef mitejn u disghin Euro (€7,290) u l-konsenja ta' l-ghamara mixtrija mill-istess konvenut saret mill-kumpannija esponenti kif miftiehem;

“2. Illi l-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut Allan Magro lill-kumpannija esponenti huwa dak fl-ammont ta’ ghoxrin elf sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€20,687.76) u dan kif jidher mill-istatement hawn anness u immarkat bhala ‘Dokument ICL1’;

“3. Illi ghall-bidu ta’ dina s-sena, il-konvenut Allan Magro informal ill-rapprezentant tal-kumpannija esponenti illi l-konvenut l-iehor Joseph Francis Scerri kien ser jassumi d-dejn ossija l-bilanc tal-prezz ta’ l-ghamara mibjugha u debitament konsenjata flimkien mal-konvenut Allan Magro;

“4. Illi fil-fatt hekk gara u minghajr ma gie estint jew mahfur id-dejn dovut mill-konvenut Allan Magro lill-kumpannija esponenti, il-konvenut l-iehor Joseph Francis Scerri assuma d-dejn u obbliga ruhu li jhallas lill-kumpannija esponenti l-istess dejn;

“5. Illi ghalhekk il-konvenuti huma debituri, flimkien u in solidum bejniethom, tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta’ ghoxrin elf sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€20,687.76);

“6. Illi ghalkemm interpellati kemm-il darba sabiex ihallsu dan id-dejn lill-kumpannija esponenti, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“8. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

“Ghaldaqastant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tal-kumpannija esponenti illi qieghda hawn titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri, flimkien u in solidum bejniethom, tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta’ ghoxrin elf sitt mija sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€20,687.76) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ ghamara mibjugha u konsenjata mill-kumpannija esponenti lill-konvenut Allan Magro u liema dejn anke l-konvenut l-iehor Joseph Francis Scerri obbliga ruhu li jhallsu versu l-kumpannija esponenti;

“2. Tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-imsemmi ammont ta’ ghoxrin elf sitt mija sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€20,687.76);

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet legali

mid-data tal-prezenti sad-data tal-pagamenti effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata li ressaq il-konvenut Magro li in forza taghha eccepixxa:

"1. Illi l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"2. Illi ghandu jirrizulta illi l-intimat l-iehor Joseph Francis Scerri huwa l-persuna li ghandu jaghti l-ammont dovut stante li l-intimat l-iehor accetta li l-'balance has been taken over' skond il-ftehiem 26/01/2012 liema stehiem gie accettat mir-rikorrenti;

"3. Illi l-partijiet jigifieri l-attur u l-konvenut Joseph Francis Scerri ftehmu fuq modalita` ta' pagamenti u b'hekk l-esponenti gie estromess mill-kont;

"4. Illi dan il-ftehiem gie accetta u ssuggerit mill-istess rikorrenti u l-intimat l-iehor gja hallas u ghamel pagamenti liema pagamenti gew accettatati mill-attur;"

Rat li l-konvenut Scerri baqa' kontumaci;

Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu, 2015, li ddecidiet il-kawza billi:

"14.1. Tiddikjara li hu l-intimat Scerri biss li hu responsabbli biex ihallas l-ammont t'€20,687.76, *de quo* lis-socjeta` rikorrenti;

"14.2. Tikkundanna lill-istess intimat Scerri biex ihallas l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

"14.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat Joseph Francis Scerri."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“9. Illi in effetti l-vertenza odjerna tiddependi mill-iskrittura privata datata s-26 ta’ Jannar, 2012, miktuba fuq ‘*letterhead*’ tas-socjeta` rikorrenti u ppreparata minn Sergio Gauci ghas-socjeta` rikorrenti;

“10.0. Illi l-imsemmija skrittura tistipula s-segwenti:

“10.1. Illi l-bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti fuq il-kont numru MAGA 04 (Allan Magro) kien assunt minn Joe Scerri (I.D. numru 214062 (M)), senjatament l-intimat Joseph Francis Scerri fuq gia` indikat;

“10.2. Illi l-ammont bilancjali dovut kien ta’ €20,687.77;

“10.3. Illi l-pagamenti issa assunti minn Joseph Francis Scerri kellhom jithallsu ratealment fl-ammonti u fid-dati hemm indikati, (ara foll 47);

“11. Illi *di piu`* l-istess Sergio Gauci ghas-socjeta` rikorrenti jistipula fid-dokument immarkat Dok SG6, (ara foll 48), illi l-imsemmi bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti li kien qed jirrapprezenta ‘…*has been taken over by Mr Joe Scerri as per agreement dated 26-01-2012*’;

“Ikkunsidrat;

“12.0. Illi biex jigi evitat dilungar inutile jirrizulta pacifiku li b’rizultat tal-imsemmija skrittura privata sehh is-segwenti:

“12.1. Illi d-debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti originarjament mill-intimat Magro kien jammonta ghal €20,687.77);

“12.2. Illi l-istess debitu gie assunt mill-intimat Joseph Francis Scerri;

“12.3. Illi tramite r-rapprezentant taghha Sergio Gauci, is-socjeta` rikorrenti accettat din l-assunzjoni ta’ debitu billi ppartecipat b’mod dirett fl-istess transazzjoni;

“**DECIDE in parte**:

“13.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat Allan Magro pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward tal-intimat Magro;

“13.1. Tillibera lill-istess intimat Allan Magro mill-osservanza tal-gudizzju;

“Ikkunsidrat;

> "14.0. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta pacifiku li l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti hu dovut biss mill-intimat Joseph Francis Scerri, u dan, a bazi tal-iskrittura privata fuq indikata, li taghha l-istess socjeta` rikorrenti kienet parti minhabba l-involviment tal-imsemmi Sergio Gauci, u konsegwentement:"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha;

> "tilqa' dan l-appell u konsegwentement tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata ta' nhar l-4 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet premessi ossija 'Idea Casa Company Limited v. Allan Magro u Joseph Francis Scerri' (rikors mahluf bin-numru: 1221/2012/SM) billi:
>
> "1. filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talbiet tal-kumpannija esponenti fil-konfront tal-konvenut Joseph Francis Scerri, iddikjaratu debitur fil-konfront tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' ghoxrin elf sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€20,687.76); ikkundannatu ihallas l-istess ammont flimkien ma' l-ispejjez u l-imghaxijiet legali kif mitluba;
>
> "2. thassarha u tirrevokaha fil-bqija ossija in kwantu cahdet it-talbiet tal-kumpannija esponenti fil-konfront tal-konvenut appellat Allan Magro u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju u minflok tilqa' t-talbiet tal-kumpannija esponenti kif dedotti fir-rikors mahluf taghha billi tiddikjara wkoll lill-konvenut appellat Allan Magro debitur tal-kumpannija esponenti, flimkien u in solidum mal-konvenut l-iehor, fl-ammont ta' ghoxrin elf sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u sebghin centezmu (€20,687.76); tikkundannah ukoll, flimkien u in solidum mal-konvenut l-iehor, ihallas l-imsemmi ammont flimkien ma' l-ispejjez u ma' l-imghaxijiet legali mid-data tar-rikors mahluf;
>
> "5.2. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

Rat ir-risposta li ressaq Allan Magro li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha;

> "tichad dan ir-rikors tal-Appell u tikkonferma s-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 (Rikors numru 1221/2012/SM) moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-istess ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' ir-

> risposta u tiddikjara illi r-rikors tal-Appell maghmul quddiem din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi michud bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra Idea Casa Company Limited (C24516)."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ghall-hlas ta' bejgh ta' ghamara mis-socjeta` attrici lill-konvenut Magro. Il-bilanc dovut huwa ta' €20,687.76. Ma hemmx dubju li d-debitur principali kien Allan Magro, pero`, skont skrittura iffirmata bejn it-tlett partijiet fis-26 ta' Jannar, 2012, dan id-dejn "*has been taken over*" mill-konvenut l-iehor Scerri. Il-kwistjoni hi jekk bis-sahha ta' dan il-ftehim sehhitx novazzjoni b'mod li inheles Magro, jew jekk Scerri sarx ko-debitur ma Magro ghall-hlas tal-imsemmi bilanc. L-ewwel Qorti ma qalitx espressament li kienet sehhet novazzjoni, izda qalet li l-konvenut Scerri assuma d-dejn ta' Magro bil-kunsens tas-socjeta` attrici, u konsegwentement illiberat lil Magro mill-osservazzjoni tal-gudizzju u sabet li l-konvenut Scerri huwa l-uniku debitur tas-socjeta` attrici.

L-attur appella mis-sentenza u talab ir-riforma taghha biex iz-zewg konvenuti jinstabu solidalment responsabbli ghall-hlas tal-bilanc.

Trattat l-appell, din il-Qorti tghid li fi-principju u b'mod generali, meta jkun hemm assunzjoni ta' dejn ma jigix liberat id-debitur originali, izda li jigri hu li jinghaqad debitur ma' iehor b'mod li jkun hemm zewg debituri. It-tieni debitur jassumi l-obbligazzjoni flimkien ma' dak originali, u jkun hemm zewg debituri principali, b'mod li l-ebda minnhom ma jkun jista' jecepixxi l-beneficcju ta' diskussjoni. Kif intqal fil-kawza "**PJ Sutters Co. Ltd v. Debono**", deciza minn din il-Qorti, sede inferjuri, fit-28 ta' April, 2004:

> "Illi kif jirrizulta mill-artikolu 1233(1)(c) tal-Kap 16, biex garanzija tkun valida din trid tirrizulta minn att pubbliku jew kitba privata, u dan, taht piena ta' nullita`;
>
> "Illi pero` kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Bartolo vs Vigo datata s-7 ta' Gunju ta' l-1929, (Vol. XXVII.1.817), din il-figura hi wkoll differenti mill-istituti tal-fidejussione u tan-novazjoni;
>
> "*l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figura guiridica diversa delle fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussiore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazzione de debitore;*"

Kif wiehed jista' josserva mill-premess, il-figura ta' assunzjoni ta' dejn <u>tista'</u>, f'certi cirkostanzi, twassal ghal-liberazzjoni tad-debitur originali, b'mod li hawn tkun tixbah lill-istitut ta' novazzjoni, li l-ligi ma tehtieg xi kliem solenni sabiex din issehh, basta li l-volonta` li sehh in-novazzjoni – il-kambjament tad-debitur – tirrizulta mill-fatti jew mill-kliem tal-partijiet. Importanti dejjem li jkun hemm il-hsieb li jigi liberat id-debitur principali.

Gia fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Galea v. Genovese**" deciza fl-1 ta' Mejju, 1901 (Kollez Vol. XVIII.I.III) kien intqal li:

> “*Uno dei requisiti della delegazione novativa, ed il piu` importante, e` l’espressa dichiarazione della volonta` del delegatario di liberare il debitore delegante. La detta dichiarazione dev’essere espressa e non puo` essere argnita da presunzioni.*”

Hekk ukoll il-Prim Awla tal-Qorti civili fil-kawza “**Azzopardi v. Camilleri**” deciza fit- 8 ta’ Gunju, 1903 (Kollez. Vol. XVIII.II.318) osservat:

“*L’assunzione fatta da un terzo di un debito a favore del creditore non induce novazione liberatoria dell’originario debitore, se tale liberazione non e` espressamente accordata dal creditore*”.

(ara wkoll fl-istess sens, is-sentenza riportata Kollez. Vol. XXI.I.78).

Din il-Qorti fil-kawza “**Koludrovich v. Muscat**”, deciza fil-25 ta’ Mejju, 1956, osservat illi:

“*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim,ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra*”.

Din il-Qorti fil-kawza “**C & B Autoparts Ltd v. Spiteri**” deciza fl-1 ta’ Lulju, 2005, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

> “Novazzjoni ssehh, fost cirkostanzi ohra, ‘*meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur’*. Novazzjoni, pero`, mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car, u inoltre

> m'hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula. Inoltre kif jinghad fl-artikolu 1183 tal-Kap. 16, '*id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".*

Mill-fuq premess, jirrizulta illi fil-waqt li ma hemmx kliem preciz li jistghu juzaw il-partijiet ghal fini li sehh novazzjoni, il-helsien tad-debitur originali trid tirrizulta espressa u jrid jirrizulta da parti tal-kreditur l-intenzjoni cara li jehles lid-debitur originali.

F'dan il-kaz, hu car li kien hemm assunzjoni tad-debitu da parti tal-konvenut Scerri li ha fuq spallejh id-dejn li kellu l-konvenut Magro, pero`, ma jirrizultax <u>espressament</u> li s-socjeta` attrici kreditrici helset lill-konvenut Magro mill-obbligazzjoni tieghu; ma jirrizultax li din l-obbligazzjoni giet maqtula. Il-kreditur ma ddikjarax espressament il-volonta` tieghu li jehles lill-konvenut Magro mill-obbligu tieghu. Din l-intenzjoni ma tistax tigi prezunta mill-fatt li fl-iskrittura ma giex indikat li d-debitu antik kien qed jigi preservat; li kellu jirrizulta kien il-kontra, u cioe`, li debitur originali kien qed jigi mehlus.

Il-Qorti tfakkar li n-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha; u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza (ara "**Kaludrovich v. Muscat**" aktar qabel imsemmija). F'dan il-kaz ma jirrizultax b'mod univoku li s-socjeta` attrici akkonsentiet li ssehh novazzjoni. Il-kliem tal-iskrittura ma jurux necessarjament l-"*animus novandi*" da parti tas-socjeta` attrici. L-unika

haga cara li tohrog mill-iskrittura hi li l-konvenut Scerri assuma d-dejn, u ma hemmx kontradizzjoni jew inkompatibilita` bejn din l-obbligazzjoni l-gdida u l-antika.

Ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza "**Schembri v. Howicks**", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar, 1938 (Kollez. Vol. XXX.II.12) fejn gie ritenut illi l-assunzjoni tad-dejn mill-imharrka ma timpurtax novazzjoni li tehles mid-dejn lill-imharrek l-iehor.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti kif mitlub u b'hekk tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici kif minnha dedotti.

L-ispejjez tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr